**25 ta' Novembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Philip Edward Vassallo

*versus*

Sylvia Raquel Melfi

**Minorenni - Passaport ta' - Inibizzjoni li Titlaq mill-Pajjiż**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi awtorizzat applikazzjoni għal ħruġ ta' passaport favur minorenni.*

Il-Qorti:-

Fid-19 ta' Awissu, 1998, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat is-segwenti sentenza li biha ġiet miċħuda t-talba ta' l-attur sabiex il-konvenuta tkun inibita milli tingħata passaport għal bintha minuri Danica u milli toħroġ l-istess minuri minn dawn il-Gżejjer;

Is-sentenza taqra hekk:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi fl-14 ta' Mejju, 1992, lill-kontendenti twilditilhom tifla Danica illum ta' sitt snin, kif jixhed iċ-ċertifikat tat-twelid anness u mmarkat dok. A;

Illi fl-Att Pubbliku ta' l-4 ta' Novembru, 1997, redatt min-Nutar Dr. Marco Burlò (dok. B), l-attur irrikonoxxa bħala bintu u l-wild naturali tiegħu lill-minuri Danica u assuma fil-konfront ta' bintu l-obbligi u d-drittijiet kollha bħala missier skond il-liġi;

Illi bid-digriet tas-17 ta' Frar, 1998, is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili (dok. C) laqgħet it-talba ta' l-attur biex jiġi fdat il-kura u kustodja tat-tifla Danica;

Illi bejn il-kontendenti nqala' disgwid serju tant li llum waslet il-konvenuta, li tgħix barra minn Malta, bl-iskop li tieħu t-tifla tagħha akkost ta' kollox;

Illi l-konvenuta hija ta' nazzjonalità Awstraljana u

għandha l-familja tagħha kollha tgħix barra minn Malta u m'għandha l-ebda rabtiet ma' Malta;

Illi l-konvenuta tat x'jifhem lill-attur f'diversi okkażjonijiet illi kellha l-intenzjoni li titlaq minn Malta u m'għandha l-ebda rabtiet ma' Malta;

Illi l-attur biex jikkawtela d-drittijiet tiegħu fir-rigward tat-tifla tiegħu, kien talab u ottjena l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenuta sabiex tiġi inibita milli tieħu jew tħalli lil persuna oħra tieħu lill-imsemmija minuri Danica mill-Gżejjer Maltin;

Għalhekk l-attur talab li l-konvenuta tgħid għaliex, għar-raġunijiet premessi u dawk li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, m'għandux:

Jiġi minn din il-Qorti inibita milli tapplika għall-passaport jew *travelling documents* f'isem l-imsemmija minuri Danica ta' sitt snin u dana kemm għal skop li jinħareġ passaport għall-minuri jew sabiex il-minuri tiġi nkluża fil-passaport ta' ommha l-konvenuta, kif ukoll li tinibixxi lill-konvenuta milli tieħu jew tħalli persuna oħra tieħu lill-imsemmija minuri mill-Gżejjer ta' Malta;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuta minn issa nġunta għas-subizzjoni;

*Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament ikkonfermata* bil-ġurament u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuta fejn ġie eċċepit illi t-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u

għandha tiġi miċħuda; illi t-tifla Danica tgħix l-Awstralja flimkien ma' l-esponenti u ma ħuha u l-partijiet ftehmu li t-tifla tqatta' ftit żmien ma' l-attur f'Malta. Meta wasal iż-żmien sabiex it-tifla tiġi rritornata l-attur wiegħed li jirritornaha iżda huwa dar lura minn kelmtu; illi d-digriet tas-Sekond'Awla ttieħed fl-assenza ta' l-esponenti mingħajr biss ma kienet informata u fuq bażi ta' premessi nveritieri u dan kif jiġi ppruvat fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawża; illi l-attur huwa obbligat fl-ewwel lok li jirrintegra l-*istatus quo* tat-tifla u jirritornaha l-Awstralja billi hu abbuża mill-ftehim li kellu ma' l-esponenti u mat-tifla u ħa vantaġġ mill-imsemmi arranġament u b'forza żamm lit-tifla; illi l-attur ma jistax jadduċi l-aġir forzus u abbużiv tiegħu sabiex jirreka vantaġġ minnu; illi l-esponenti qatt ma ċaħdet lill-attur mill-aċċess;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament ikkonfermata bil-ġurament u l-lista tax-xhieda tagħha;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-4 ta' Awissu, 1998;

Ikkunsidrat:

Illi mill-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju, 1998, jirriżulta li ġie ordnat li din il-kawża tinstema' kontestwalment ma' kawża oħra fl-ismijiet inversi (ċitazzjoni numru 1096/98) u li ġie ddikjarat li l-provi kollha miġbura fl-imsemmija kawża huma applikabbli għal din il-kawża u għandhom jittieħdu li nstemgħu *viva voce* ukoll f'din il-kawża;

Qed issir referenza speċifika għall-imsemmija kawża fl-ismijiet inversi (ċitazzjoni numru 1096/98) u b'mod partikolari għas-sentenza li ngħatat illum f'dik l-istess kawża;

Il-konsiderazzjonijiet kollha li saru f'dik is-sentenza għandhom japplikaw ukoll għall-preżenti;

In vista ta' dan kollu u in vista tal-fatt illi bl-imsemmija sentenza fil-kawża l-oħra, fost affarijiet oħra, l-kura u l-kustodja *tat-tifla minuri in kwistjoni ngħataw lill-konvenuta Sylvia Melfi* u għalhekk it-talbiet kollha kif ikkontenuti fiċ-ċitazzjoni għandhom jiġu respinti;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet kollha kif kontenuti fiċ-ċitazzjoni;

Spejjeż kontra l-attur";

*L-attur appella minn din is-sentenza billi ressaq għall-*konsiderazzjoni ta' din il-Qorti l-istess aggravju li ressaq fl-appell l-ieħor tiegħu mas-sentenza l-oħra fl-ismijiet inversi (ċitazzjoni numru 1096/98), imsemmija aktar qabel fis-sentenza appellata;

*Inoltre, l-istess konvenuta ġiet awtorizzata li tapplika u* żżomm il-passaport tal-minuri bintha, kif ukoll li toħroġ lill-istess minuri 'l barra minn dawn il-Gżejjer indipendentement minn kwalunkwe impediment ta' partenza li jista' jkun in vigore dwar l-istess minuri;

Il-motivazzjoni kollha li fuqha hija bbażata dik is-sentenza tapplika kompletament ukoll għall-appell odjern li għalhekk evidentement għandu ukoll jiġi respint;

Għal dawn il-motivi:

L-appell huwa miċħud u s-sentenza appellata hija kkonfermata bl-ispejjeż kollha a kariku ta' l-attur appellant.